# TAQSIMA PROPRJETA' TAL-GVERN

## DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET

Auberge de Baviere, Valletta

**APPLIKAZZJONI GHAL TRASFERIMENT TA' KIRJA TA' PROPRJETA' KUMMERCJALI (HWIENET) PERMEZZ TAL-PROCEDURA TAL-AVVJAMENT**

| **TAQSIMA 'A' – Dettalji tal-proprjeta' kummercjali li qed tigi ttrasferita** | | | |
|---|---|---|---|
| **Deskrizzjoni tal-proprjeta'-:** | murija bil-kulur/i<br>fuq il-pjanta mehmuza ma' din l-applikazzjoni. | | |
| **Numru ta' Registrazzjoni (Tenement No.) -:** | | **Riferenza tad-Dipartiment -:** | |

**TAQSIMA 'B' – Talba ghat-trasferiment bl-avvjament**

Jien hawn taht iffirmat, kif muri f'Taqsima'C', nitolbok permess biex nitrasferixxi il-kirja tal-proprjeta' kummercjali msemmija f'Taqsima 'A' hawn fuq. Ghal dan il-ghan qed nehmez m'hawn kopja tal-ftehim li jien ghamilt

mas-Sur/Sjra ……………………………… (Karta ta' Identita' Nru. ………………..) (il-kerrej propost minni) fil- …………….…….,

ghall-iskop uniku li nuri l-ammont li jien qed nippretendi li nircevu bhala avvjament/benefikat/ghamara tal-istess proprjeta'.

Jiena nintrabat favur il-Kummissarju tal-Artijiet li nittrasferixxi l-imsemmi avvjament/benefikat/ghamara lil kwalunkwe persuna li l-Kummissarju tal-Artijiet jiddeciedi li jirrikonoxxi bhala kerrej tal-istess proprjeta' (il-kerrej prospettiv) wara li johrog sejha ghall-kiri bl-offerti tal-istess post. Jiena nintrabat li nwettaq dan it-trasferiment fi zmien erbaghtax il-gurnata minn meta il-Kummissarju tal-Artijiet jinnotifikani bl-isem tal-kerrej prospettiv kif spjegat aktar 'il fuq. Minkejja il-kundizzjonijiet l-ohra tal-ftehim originali imsemmi, l-unika kundizzjoni tieghi ghall-istess trasferiment hija

(i) Jew li l-kerrej prospettiv ihallasni f'ammont wiehed l-ammont li jiena ftehimt fuqu mal-kerrej propost minni bhala hlas ghat-trasferiment kif jidher fl-imsemmi ftehim, neqsin 10% minnu li jithallsu lill-Gvern; jew inkella
(ii) Ftehim mal-kerrej propost mill-Kummissarju tal-Artijiet li jhallasni bl-istess kundizzjonijiet ta' hlas mifthiema mal-kerrej propost minni bhala hlas ghat-trasferiment, neqsin 10% li jithallsu lill-Gvern.

Ghall-iskop uniku li tkun tista' tinhareg sejha ghall-offerti tal-imsemmija proprjeta' taht it-termini tal-Att Dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, jiena qieghed nirrinunzja ghal kirja li jien ghandi fuq l-istess proprjeta'. Din ir-rinunzja qed issir bil-patt u l-kundizzjoni li l-kerrej propost minni jinghata d-dritt ta' preferenza (dritt ta' l-ewwel rifjut) fl-aggudikazzjoni tal-istess offerti.

Nifhem li din ir-rinunzja ma tehlisnix mit-twettiq ta' kwalunkwe obbligu li johrog mill-kirja li jien ghandi inkluz (i) il-hlas tal-kera sad-data li l-proprjeta' terga' tinkera / tinghata b'cens / tinbiegh; (ii) li nhallas d-differenza fil-kera sakemm tispicca il-kirja li jien ghandi kem il-darba l-proprjeta' tinkera b'rata anqas ta' kera minn dik li jien prezentament ghandi. Jien norbot ruhi wkoll li niftah il-proprjeta' ghall-wiri lil kull persuna li tista' tkun interessata fl-offerti kull darba li nintalab li naghmel hekk, anke jekk b'semplici telefonata.

Din id-dikjarazzjoni tieghi tibqa valida sa zmien sitt xhur mid-data li jirceviha il-Kummissarju tal-Artijiet, f'liema zmien il-Kummissarju tal-Artijiet ikun jista' jipprezentali persuna jew aktar, b'mod successiv, bhala l-persuna prospettiva li tkun ser tiehu l-avvjament/benefiakt/ghamara tal-proprjeta' in kwistjoni. Nintrabat ukoll favur il-Kummissarju tal-Artijiet illi kemm il-darba nonqos, minghajr raguni gusta ghas-sodisfazzjoni tal-Ministru tal-Intern u tal-Ambjent jew delegat/i tieghu, illi nwettaq dak li ntrabatt li nghamel aktar 'il fuq, jiena nivvaka l-istess proprjeta' immedjament li nircevi talba f'dan is-sens minghand il-Kummissarju tal-Artijiet, anke jekk dan ikun ifisser it-tmiem tal-kirja prezenti.

**TAQSIMA 'C' – Dettalji u firma tal-applikant/kerrej**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Isem u Kunjom** | | **Nru tat-Telefon u Mobile** | |
| **Karta ta' Identita'** | | **Indirizz e-mail** | |
| **Indirizz** | | | |
| **Firma** | | | |
| **Xhud tal-firma (Nutar jew avukat)** | Firma u timbru | **Data:** | |

**SECTIONA 'D' – Nota ta' kjarifika**

**Din l-applikazzjoni wahida ma taghti l-ebda drittijiet fuq il-proprjeta' in kwistjoni.** Din l-applikazzjoni u dikjarazzjoni ghanda timtela u tigi iffirmata mill-applikant, inkluzi l-mara u r-ragel fil-kaz ta' mizzewgin, fil-prezenza ta' nutar jew avukat. Din l-applikazzjoni tkun tista' tigi pprocessata biss jekk l-applikant jipprovdi (i) kopja formali tal-ftehim tal-avvjament'trasferiment tal-kirja li huwa ghamel, (ii) kopja elettronika tal-proprjeta bl-Autocad 2000, (iii) kopja tal-licenzja kurrenti tal-kummerc u v) kemm il-darba il-kera tkun mhallsa kollha.

L-informazzjoni migbura f'dan id-dokument ser tintuza skond il-provvedimenti tal-Att Dwar il-Protezzjoni u Privatezza tad-*Data* 2001.